DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2013

li tiċħad it-talba mill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida b'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(notifikata bid-dokument C(2013) 9007)

(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)

(2013/769/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 199b tagħha,

Billi:

(1) B'notifika rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2013, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida b'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(2) Skont din in-notifika, wasal għall-attenzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li għadd ta' kummerċjanti kienu involuti fl-evażjoni tat-taxxa billi ma ħallsux il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti.

(3) Il-miżura mitluba tikkonsisti fin-nomina tal-persuna taxxabbli li lilha tiġi fornuta l-merkanzija, li f'dan il-każ hija zokkor, bħala responsabbli għall-ħlas tal-VAT minflok il-fornitur.

(4) Fl-4 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Istati Membri li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

(5) Fuq il-bażi taċ-ċifri tal-frodi dettaljati f'dan is-settur, ipprovduti mill-Ungerija, jidher li l-frodi f'dan is-settur kien diġà ta' natura sostantiva fl-2011 u l-2012.

(6) Għaldaqstant ġie stabbilit li l-frodi identifikat mhuwiex ta' natura immedjata fis-sens tal-Artikolu 199b tad-Direttiva 2006/112/KE.

(7) Id-deroga rikjesta ma għandhiex għalhekk tingħata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Ungerija ma tistax tintroduċi l-miżura speċjali tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida b'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Algirdas ŠEMETA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.